22003D0063

ID-DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE

Nru 63/2003

tas-16 ta' Mejju 2003

li temenda l-Anness XXII (Liġi tal-Kumpaniji) tal-Ftehim taż-ŻEE

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Wara li kkunsidra il-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, kif emendat mill-Protokol li jaġġusta l-Ftehim dwar Iż-Żona Ekonomika Ewropea, hawnhekk iżjed 'il quddiem msejjaħ "il-Ftehim", u b'mod partikolari l-Artikolu 98 tiegħu,

Billi:

(1) L-Anness XXII għall-Ftehim ġie emendat bid-Deċiżjoni Nru 37/2003 ta' l-14 ta' Marzu 2003, tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE ([1]).

(2) Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni 2002/590/KE tas-16 ta' Mejju 2002 – l-Indipendenza Statutorja ta' l-Awdituri fl-UE: Sett ta' prinċipji fundamentali ([2]),

IDDEĊIEDA DAN LI ĠEJ:

Artikolu 1

Il-punt li ġej għandu jiġi inserit taħt l-interstatura "ATTI LI L-PARTIJIET KONTRAENTI GħANDHOM JAGĦTU KAS" wara l-punt 11 (Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni 2001/256/KE) ta' Annex XXII għall-Ftehim:

"12. **32002 H 0590**: Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni 2002/590/KE tas-16 ta' Mejju 2002 – l-Indipendenza Statutorja ta' l-Awdituri fl-UE: Sett ta' prinċipji fundamentali (ĠU L 191, tad-19.7.2002, p. 22)."

Artikolu 2

It-testijiet tar-Rakkkomandazzjoni tal-Kummissjoni 2002/590/KE fil-lingwi Iżlandiżi u Norveġiżi, li jridu jiġu ppubblikati fis-Suppliment taż-ŻEE għall-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*, għandhom ikunu awtentiċi.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fis-17 ta' Mejju 2003, sakemm isiru n-notifiki taħt l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim lill-Kumitat Konġunt taż-ŻEE (*).

([1]) ĠU L 137, tal-5.6.2003, p. 44.
([2]) ĠU L 191, tad-19.7.2002, p. 22.
(*) L-ebda kondizzjonijiet kostituzzjonali ma huma indikati.

Artikolu 4

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppublikata fis-Sezzjoni taż-ŻEE tal-, u fis-Suppliment taż-ŻEE lill-, *Ġurnal Uffiċċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Magħmula fi Brussel, fis-16 ta' Mejju 2003.

Għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE

Il-President

P. WESTERLUND